TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 570/10

**Maria Pia Taylor**
**vs**
**Arena Laundry**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti żewġ ġgieget li ħadet għal *dry cleaning* li kollha ġew bil-problemi wara li sar il-proċess tad-*dry cleaning*.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ħadet il-ġgieget għal *dry cleaning* u waħda minnhom iċċarat fil-kulur tant li ma setgħetx tintuża iktar u ġakketta oħra kellha xi toqob fiha.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi hija kienet diġa' avżat lir-rikorrenti li l-ġakketta setgħet tiċċara, iżda r-rikorrenti baqgħet tinsisti li tagħmilha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi wara li sar il-proċess, il-ġakketta l-blu kellha t-toqob u l-linji fiha. L-intimat qal li dan kien tort ta' ħarqa ta' xi sigarett. Ir-rikorrenti qalet li dawn it-toqob ma kinux hemm minn qabel, filwaqt li l-ġakketta l-kannella iċċarat fil-kulur.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, stante li l-proċess ma sarx skond is-sengħa u l-arti u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888